**Ms. Claire Amato**

It-Tielet Sena Primarja **Ġ3.1 IL-KAMPANJA MALTIJA** **Worksheet**

**Ġ3.1.4**
l-importanza tal-ilma biex il-kampanja tibqa' ħajja;

**A. Aħseb:**

- Qatt ħsibt minn fejn jiġi l-ilma?
- Ġieli xtaqt tkun taf fejn imur l-ilma tax-xita?

**B. <u>Ħares sew lejn din l-istampa li turi ċ-ċiklu tal-ilma.</u>**

**Iddiskuti** ma' sħabek: L-ilma huwa importanti ħafna għall-ħlejjaq kollha. Aħna l-bnedmin għandna bżonn l-ilma biex nixorbu, insajru, ninħaslu u nżommu l-indafa fid-dar. Nużaw l-ilma wkoll biex insaqqu l-pjanti.



Ms. Claire Amato

**Ċ. Il-fażijiet taċ-ċiklu tal-ilma tħawdu.**

**Irranġahom billi tikteb in-numru t-tajjeb skont l-istampa.**

**Tinsiex tikteb in-numru *2* darbtejn!**

___ Il-fwar jitla' 'l fuq, jiksaħ u jikkondensa, jiġifieri jifforma s-sħab.

___ Ix-xita tinżel fuq l-għoljiet u fil-widien, kif ukoll fl-għelieqi.

___ Ix-xita tinżel ukoll fil-baħar.

___ Minħabba s-sħana tax-xemx, l-ilma jevapora mill-baħar, mill-għadajjar, mis-siġar u mill-għelieqi. Dan l-ilma jsir fwar.

___ Is-sħab jimxi mar-riħ u meta dan il-qtar tal-ilma jikber tagħmel ix-xita.

**D. Xi stampi li jgħinuna naħsbu, niddiskutu u nieħdu deċiżjonijiet dwar kif se naħlu inqas ilma:**









Ms. Claire Amato

E.Din l-istampa turi l-kmamar differenti fid-dar.

Flimkien ma' sħabek, ikteb lista ta' punti ta' kif nistgħu nibżgħu għall-ilma fil-kamra tal-banju, fil-kċina u fil-kamra tal-ħasil tal-ħwejjeġ.



| Fil-kamra tal-banju | Fil-kċina | Fil-kamra tal-ħasil tal-ħwejjeġ |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |